**Kunsill Lokali Ir-Rabat**

# Il-Pjan tal-Ħidma

**2018 - 2020**

## Il-Werrej


Introduzzjoni u Analiżi tas-Sitwazzjoni 1

L-Istqarrija tal-Missjoni u l-Valuri 2

L-Għanijiet, ir-Riżultati Mistennija u l-Istrateġiji 3

Analiżi tal-Ħidma tal-Kunsill 5

Tbassir dwar il-Finanzi u r-Rendiment 7

L-Iżvilupp Kapitali 10

# 1.0 Introduzzjoni u Analiżi tas-Sitwazzjoni

Bħalma jsir kull sena, il-Pjan ta' Ħidma qed jerġa' jiġi analizzat u rivedut fis-sena finanzjarja 2018 li jkopri s-snin 2018, 2019 u 2020.

Matul is-sena 2018 il-Kunsill qed jistma dħul ta' €1,111,107, li €1,096,107 minnhom ser jidħlu mill-allokazzjoni tal-Gvern.

Il-kumplament tal-fondi mistennija jidħlu minn skemi ta' għajnuniet finanzjarji li l-Kunsill applika għalihom, kif ukoll minn ksur ta' Bye Laws u minn dħul ġenerali ieħor.

L-infiq għas-sena finanzjarja 2018 ser ikun ta' €1,207,939 li minnhom €416,911 ser ikun infiq Kapitali. L-ammont ta' €621,585 ser jintefaq fuq il-voti taħt Manutenzjoni u Xogħlijiet Oħra u €169,443 ser tkun l-ispiża fuq salarji.

Fis-sena 2019 qed jiġi previst illi l-allokazzjoni mill-Gvern mistennija tiżdied bi €16,441 u għalhekk mistennija allokazzjoni ta' madwar €1,112,549.

L-infiq għall-istess sena mistenni jkun ta' €915,921. Din l-ispiża ser tkun maqsuma kif ġej: €173,918 fuq Salarji €650,504 fuq Manutenzjoni u Xogħlijiet Oħra u €91,500 fuq infiq Kapitali.

Fis-sena 2020 l-allokazzjoni mill-Gvern mistennija wkoll tiżdied bi ftit u għalhekk qed tiġi prevista allokazzjoni ta' €1,129,537. L-infiq għall-istess perjodu mistenni jkun ta' €950,882.

Din l-ispiża ser tkun maqsuma kif ġej: €178,524 fuq Salarji, €680,858 fuq Manutenzjoni u Xogħlijiet Oħra, filwaqt li €91,500 ser imorru fuq Infiq Kapitali.

Charles Azzopardi
Sindku

Orletta Cardona
Segretarju Eżekuttiv

## 2.1 L-Istqarrija tal-Missjoni

Bi pjan li jpoġġi r-residenti fiċ-ċentru tal-ħidma tiegħu, il-Kunsill Lokali Ir-Rabat jfittex li jindirizza l-ħtiġijiet u jilħaq l-aspettattivi tar-residenti.

## 2.2 Il-Valuri

Il-ħidma tal-Kunsill Lokali hija bbażata mill-valuri:

1. **Tal-inklussività** f'dik li hija ħidma kulturali, ambjentali, infrastrutturali, edukattiva u sportiva.

2. **Tal-Impenn Soċjali**, fejn kull ċittadin jingħata importanza mingħajr distinzjoni ta' sess, razza jew abbiltà.

3. **Tal-Effiċjenza u Akkontabbilità**, fejn il-ħidma kollettiva tkun waħda li tfittex li ttejjeb is-servizzi offruti mill-Kunsill u jiġi assigurat l-aħjar valur għall-flus minfuqa.

## 3.1 L-Għanijiet u r-Riżultati Mistennija matul is-snin 2018-2020

### L-Għanijiet

Li ntejbu s-servizz tal-*customer care* b'mod speċjali billi nżidu l-effiċjenza biex l-ilmenti tal-pubbliku jiġu indirizzati b'mod aktar effettiv.

Li nkomplu nħeġġu l-parteċipazzjoni attiva taċ-ċittadini Rabtin fil-ħidma tal-Kunsill.

Li ngħollu u ntejbu l-livell soċjali, edukattiv, kulturali u sportiv fil-lokal tagħna.

Attitudni intraprenditorjali fl-immaniġjar tal-fondi pubbliċi bil-għan li tiżdied l-effiċjenza u l-effettività.

Strateġija ċara, imwettqa b'ħidma effetiva fuq dak li għandu x'jaqsam mal-ġbir ta' skart separat.

Li nieħdu sehem fi programmi tal-Unjoni Ewropea li jtejbu ż-żoni rurali tal-lokalità

### Ir-Riżultati Mistennija

L-għan hu li ċ-ċittadini jħossuhom parti mill-komunità u li jingħataw l-aħjar servizz possibbli.

Li l-proġetti proposti jiġu attwati bl-involviment tal-istess ċittadini kif ukoll tal-għaqdiet lokali.

Li jitwettqu numru ta' proġetti fl-oqsma soċjali, edukattivi, kulturali u sportivi.

Ikomplu jiġu analizzati l-prattiċi mħaddma sa issa fil-Kunsill, u fejn il-Kunsill jara li huma applikabbli, jiġu implimentati r-rakkomandazzjonijiet għal titjib li jinħarġu minn din l-analiżi. Barra minnhekk, isir użu aħjar tal-iskemi li jinħarġu mill-Gvern u l-opportunitajiet ta' finanzjament minn programmi tal-Unjoni Ewropea.

Inqas skart solidu li jiġi mitfugħ fil-*landfill* billi nkomplu nħeġġu s-separazzjoni tal-iskart u b'hekk jiġu ffrankati l-flus li jistgħu jiġu utilizzati għal skopijiet u proġetti oħra.

Issiru xogħlijiet u proġetti f'oqsma ta' żoni pubbliċi sabiex iċ-ċittadini jgħixu ħajja aħjar f'ambjent mistħoqq.

## 3.2 L-Istrateġiji

L-għanijiet tal-Kunsill jistgħu jintlaħqu biss jekk ix-xogħol isir kif ippjanat billi jingħarfu kemm l-opportunitajiet li jeżistu kif ukoll il-limitazzjonijiet li l-Kunsill għandu.

Kif jidher fir-rapport finanzjarju li qed jiġi ppreżentat f'dan il-pjan, il-finanzi tal-Kunsill huma stabbli. Il-Kunsill xorta ser jibqa' jfittex il-mezzi alternattivi biex isib il-finanzjament għal ċerti proġetti. Dan ser isir billi:

1. Issir ħidma għaqlija biex possibbilment jinġiebu fondi minn kull skemi li joħroġ il-Gvern Ċentrali u Fondi Ewropej li għalihom il-Kunsill ikun elegibbli. Kif ukoll min fondi tal-*Urban Improvement Funds (UIF).*

2. Issir ħidma sabiex isiru progetti ta *resurfacing* ta' toroq li jinkludu Triq San Bastjan, Triq San Piju V, Triq l-Iskultura u l-parti l-ohra ta' Triq Konti Ruggieru.

3. Issir hidma kongunta mal-Gvern Centrali biex it-toroq ta' Imtahleb, Ta' Koronja, Wied Rini u Landrijiet isiru minn Fondi Ewropej u l-Kunsill Lokali johrog parti zghira ta' 10% min-nefqa tar-*resurfacing* ta' l-imsemmija toroq.

4. Jiġu esplorati modi ta' kif jitnaqqas l-infiq tal-Kunsill mingħajr ma titnaqqas il-kwalità tas-servizz offrut.

Filwaqt li kull xogħol li jsir jirrikjedi l-finanzi biex isir, hemm bżonn ukoll il-parteċipazzjoni ta' dawk kollha li għandhom xi ħaġa x'joffru. Għaldaqstant il-Kunsill ikompli jikkonsulta mal-pubbliku fuq l-operat tiegħu. Dan jista' jkun possibbli biss jekk iċ-ċittadini Rabtin jinvolvu ruħhom f'dan il-proċess ta' konsultazzjoni.

Kull ħidma, biex tkun effettiva, trid tkun miftuħa għall-bidla. Għalhekk il-Kunsill għandu jevalwa, iqabbel u jkejjel il-ħidma li tkun qiegħda ssir mal-għanijiet u l-istrateġija li hawn elenkati f'dan il-pjan.

Fl-aħħar irid isir koordinament biex dan il-pjan li qed jiġi propost isir b'mod ħolistiku.

**4.1 L-Organizzazzjoni** Għas-snin li ġejjin l-istruttura tal-organizzazzjoni amministrattiva trid tkompli tkun kompatibbli mal-funzjonijiet tal-Kunsill.




Id-deċiżjonijiet jittieħdu mill-Kunsill wara li dan jikkunsidra r-rapporti, l-ilmenti u s-suġġerimenti tal-pubbliku.

Is-Segretarju Eżekuttiv jimplimenta d-deċiżjonijiet bl-għajnuna tal-Assistent Uffiċjal Prinċipal, l-Uffiċjali Eżekuttivi, u l-iskrivani.

## 4.2 Attivitajiet Ġenerali

Qed jiġi kontemplat li matul is-sena 2018 il-Kunsill ser ikun qed iwettaq xogħol ta' *resurfacing* ta' Triq San Bastjan, Triq l-Iskultura, Triq San Piju V u toroq ohra mhux urbani b'ko-finanzjament minn progetti b'fondi tal-Unjoni Ewropeja.

Orietta Cardona
Segretarju Eżekuttiv

## 5.1 Tbassir Finanzjarju ghal Tliet Snin

| Nru. Tal-Kont | Deskrizzjoni | STIMA 2018 Eur | STIMA 2019 Eur | STIMA 2020 Eur | STIMA 2018 - 2020 Eur |
|---|---|---|---|---|---|
| 2 | Id-Dhul | | | | |
| 0000 | Mill-Gvern | 1,096,107.00 | 1,112,548.61 | 1,129,236.83 | 3,337,892.44 |
| 0020 | Il-Bye-Laws | 42,000.00 | 43,942.50 | 45,979.76 | 131,922.26 |
| 0090 | L-Investment | 50.00 | 52.50 | 55.13 | 157.63 |
| 0100 | Generali | 1,000.00 | 1,050.00 | 1,102.50 | 3,152.50 |
| | TOTAL | **1,139,157.00** | **1,157,593.61** | **1,176,374.22** | **3,473,124.83** |
| 1 | L-Infiq | | | | |
| 1000 | Is-Salarji | 169,443.00 | 173,918.09 | 178,524.42 | 521,885.51 |
| 2000 | Manutenzjoni u Xogholijiet Ohra | 621,585.00 | 650,503.54 | 680,857.80 | 1,952,946.34 |
| 7000 | L-Infiq Kapitali | 416,911.00 | 91,500.00 | 91,500.00 | 599,911.00 |
| | TOTAL | **1,207,939.00** | **915,921.63** | **950,882.22** | **3,074,742.85** |
| | BILANC FAVUR/(KONTRA) | **(68,782.00)** | **241,671.98** | **225,492.00** | **398,381.98** |
| | X'KELLNA QABEL | 1,410,147.00 | 1,341,365.00 | 1,583,036.98 | 1,410,147.00 |
| | X'GHANDNA ISSA | 1,341,365.00 | 1,583,036.98 | 1,808,528.98 | 1,808,528.98 |

## 5.2 Noti:

Fis-sena 2018 id-dhul totali tal-Kunsill ser ikun qed jeccedi il-hrug tal-Kunsill. Dan minhabba li l-Kunsill ser ikollu zieda minn fondi tal-Gvern Centrali u ser ikun qed ikompli jrazzan il-hrug tieghu.

## 5.3 Tbassir ta' Dhul ghal Tliet Snin

| Nru. Tal-Kont | Deskrizzjoni | STIMA 2018 Eur | STIMA 2019 Eur | STIMA 2020 Eur | STIMA 2018 - 2020 Eur |
|---|---|---|---|---|---|
| 2 | Id-Dhul | | | | |
| 0000 | Mill-Gvern | | | | |
| 0001 | Annwali | 1,096,107.00 | 1,112,548.61 | 1,129,236.83 | 3,337,892.44 |
| 0002 | Supplimentari | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| 0003 | Bzonnijiet Specjali | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| 0004 | Delegazzjonijiet Governattivi/Pubblici | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| 0015 | Ohrajn | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| | | **1,096,107.00** | **1,112,548.61** | **1,129,236.83** | **3,337,892.44** |
| 0020 | Il-Bye Laws | | | | |
| 0021 | Servizzi Komunitarji | 4,500.00 | 4,567.50 | 4,636.01 | 13,703.51 |
| 0026 | Permessi | 29,000.00 | 30,450.00 | 31,972.50 | 91,422.50 |
| 0040 | Amministrazzjoni | 8,500.00 | 8,925.00 | 9,371.25 | 26,796.25 |
| 0041 | Fondi mill-EU | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| 0056 | Sponsors | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| 0066 | Servizzi Generali | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| | | **42,000.00** | **43,942.50** | **45,979.76** | **131,922.26** |
| 0090 | Investiment | | | | |
| 0091 | Interessi mill-Bank | 50.00 | 52.50 | 55.13 | 157.63 |
| 0096 | Secuirities tal-Gvern | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| | | **50.00** | **52.50** | **55.13** | **157.63** |
| 0100 | Generali | | | | |
| 0110 | Donazzjonijiet | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| 0120 | Kontribuzzjonijiet | 1,000.00 | 1,050.00 | 1,102.50 | 3,152.50 |
| | | **1,000.00** | **1,050.00** | **1,102.50** | **3,152.50** |
| | TOTAL | **1,139,157.00** | **1,157,593.61** | **1,176,374.22** | **3,473,124.83** |

## 5.4 Tbassir ta' l-infiq ghal Tliet Snin

| Nru. Tal-Kont | Deskrizzjoni | STIMA 2018 Eur | STIMA 2019 Eur | STIMA 2020 Eur | STIMA 2018 - 2020 Eur |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 | L-Infiq | | | | |
| 1000 | Is-Salarji | | | | |
| 1100 | L-Onorarju tas-Sindku/Kunsilliera | 11,196.00 | 11,363.94 | 11,534.40 | 34,094.34 |
| 1200 | Pagi ta' l-Impjegati | 120,945.00 | 124,573.35 | 128,310.55 | 373,828.90 |
| 1300 | Bonus | 10,611.00 | 10,929.33 | 11,257.21 | 32,797.54 |
| 1400 | Dhul Suipplimentari | 2,651.00 | 2,651.00 | 2,651.00 | 7,953.00 |
| 1500 | Kontribuzzjoni tas-Sigurta Socjali | 10,367.00 | 10,678.01 | 10,998.35 | 32,043.36 |
| 1600 | Koncessjonijiet(Allowances) | 11,200.00 | 11,200.00 | 11,200.00 | 33,600.00 |
| 1700 | Sahra | 2,473.00 | 2,522.46 | 2,572.91 | 7,568.37 |
| | | **169,443.00** | **173,918.09** | **178,524.42** | **521,885.51** |
| 2000 | Manutenzjoni u Xogholjiet Ohra | | | | |
| 2100 | Konsum tal-bzonn (dawl/ilma/tel etc) | 2,000.00 | 2,100.00 | 2,205.00 | 6,305.00 |
| 2200 | Xiri ta' Materjal u Fornimenti | 2,500.00 | 2,625.00 | 2,756.25 | 7,881.25 |
| 2300 | Tiswijiet u Manutenzjoni | 148,885.00 | 156,329.25 | 164,145.71 | 469,359.96 |
| 2400 | Kera | 2,623.00 | 2,623.00 | 2,623.00 | 7,869.00 |
| 2500 | Shubija f'Ghaqdiet Nazzjonali u Internazzjonali | 878.00 | 904.34 | 931.47 | 2,713.81 |
| 2600 | Spejjez ta' L-Ufficcju | 21,200.00 | 21,412.00 | 21,626.12 | 64,238.12 |
| 2700 | Trasport | 12,600.00 | 12,600.00 | 12,600.00 | 37,800.00 |
| 2800 | Safar u Vjaggar | 2,000.00 | 2,060.00 | 2,121.80 | 6,181.80 |
| 2900 | Taghrif lill-Pubbliku | 7,980.00 | 7,980.00 | 7,980.00 | 23,940.00 |
| 3000 | Spejjez ta' Kuntratti | 358,679.00 | 376,612.95 | 395,443.60 | 1,130,735.55 |
| 3100 | Servizzi Professjonali | 25,340.00 | 26,607.00 | 27,937.35 | 79,884.35 |
| 3200 | Tahrig | 1,000.00 | 1,000.00 | 1,000.00 | 3,000.00 |
| 3300 | Ospitalita' u Servizzi fil-Komunita' | 35,000.00 | 36,750.00 | 38,587.50 | 110,337.50 |
| 3400 | Spejjez ohra li jinqalghu | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| 3600 | Spejjez tal-Gwardjani Lokali | 900.00 | 900.00 | 900.00 | 2,700.00 |
| | | **621,585.00** | **650,503.54** | **680,857.80** | **1,952,946.34** |
| 7000 | L-Infiq Kapitali | | | | |
| 7001 | Xiri ta' propjeta' | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| 7100 | Bini | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| 7200 | Titjib | 416,911.00 | 90,000.00 | 90,000.00 | 596,911.00 |
| 7300 | Makkinarju u Apparat | 0.00 | 1,500.00 | 1,500.00 | 3,000.00 |
| 7500 | Progetti Specjali | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| | | **416,911.00** | **91,500.00** | **91,500.00** | **599,911.00** |
| | TOTAL | **1,207,939.00** | **915,921.63** | **950,882.22** | **3,074,742.85** |

## 6.1 Tbassir dwar l-Izvilupp Kapitali għal Tliet Snin

| Nru. Tal-Kont | Deskrizzjoni | STIMA 2018 Eur | STIMA 2019 Eur | STIMA 2020 Eur | STIMA 2018 - 2020 Eur |
| --- | --- | --- | --- | --- | --- |
| 7001 | **Xiri ta' propjeta** | | | | 0 |
| 7100 | **Bini ta' Kostruzzjoni** | 0.00 | | | 0.00 |
| 7200 | **Titjib** | **416,911.00** | **90,000.00** | **90,000.00** | **596,911.00** |
| | Pavimentar tat-Toroq | 0.00 | 0.00 | 0.00 | - |
| | Road Resurfacing | 415,200.00 | 90,000.00 | 90,000.00 | 595,200.00 |
| | Sinjali tat-Traffiku | 0.00 | 0.00 | 0.00 | - |
| | Titjib Urban | 0.00 | 0.00 | 0.00 | - |
| | Ufficcju Amminitsrttiv | 1,711.00 | 0.00 | 0.00 | 1,711.00 |
| 7300 | **Makkinarju u Apparat** | **0.00** | **1,500.00** | **1,500.00** | **3,000.00** |
| | Makkinarju Generali | 0.00 | 700.00 | 1,500.00 | 2,200.00 |
| | Komputers | 0.00 | 800.00 | 0.00 | 800.000 |
| | Makkinarju Elettroniku | 0.00 | 0.00 | 0.00 | - |
| 7500 | **Progetti Specjali** | **0.00** | **0.00** | **0.00** | **0** |
| | | 416,911.00 | 91,500.00 | 91,500.00 | **599,911.00** |

**Noti:**

Il-proġetti li mistennija jsiru fis-sena 2018 ser ikunu *resurfacing* ta' Triq San Bastjan, Triq San Piju V, Triq l-Iskultura u parti minn Triq Konti Ruggieru. Il-KunsillLokali Rabat ser ikun qed joħroġ 10% mill-fondi tiegħu sabiex isiru *resurfacing* fiż-żoni tal-Imtaħleb, Ta' Koronja, Wied Rini u Landrijiet.

Huwa stmat li l-Kunsill Lokali ser ikun qed jimbarka fuq proġetti ta' toroq ġodda fis-snin 2019 u 2020.